- *Invazjoni tal-flow of traffic*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 15 TA' APRIL 2019.**

**Rikors Nru. 26/2009GM**

**ARTHUR MICALLEF**

**vs**

**MOIRA GERMAN**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Arthur Micallef ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti:

(a) ssib lil konvenuta mħarrka ħatja għall-korriment u l-ħsara li ma tgħaddix li huwa ġarrab f'inċident li seħħ fit-8 ta' Settembru 2007, wara li kien qed isuq il-mutur tiegħu KGS 183 f'Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar meta il-konvenuta kienet qed issuq bil-karozza tagħha EBI 797 fid-direzzjoni opposta u kisret fuq il-lemin tagħha sabiex tidħol ġo Triq il-Fekruna u ostakolat il-via libera tiegħu b'dan illi seħħ impatt vjolenti bejn iż-żewġ vetturi.

(b) tillikwida d-danni mġarrbin minnu bi ħtija tal-istess konvenuta imħarrka; u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenuta imħarrka tħallas d-danni hekk likwidati.

Talab ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċċjali kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri;

Rat ir-Risposta Malħlufa imressqa mill-konvenuta fis-16 ta' Frar 2009 illi l-inċident ma seħħx b'xi tort minn tagħha imma seħħ unikament tort tal-attur innifsu u dan minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu u għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati u mingħajr preġudizzju għadha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi l-attur diġa` ħa jew ser jieħu minħabba l-inċident in kwistjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**Responsabilita` tal-inċident**

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġt verżjonijiet konfliġġenti ta' kif seħħ l-inċident. L-attur jixhed illi dak inhar tal-inċident kien lesta mix-xogħol ġewwa l-Mellieħa u kien qed isuq fi triqtu lura għad-dar. Wasal f'telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija. Kien qed isuq bil-mod wara karozza tal-linja u wara li din waqfet fuq *bus stop*, qabiżha filwaqt li xorta baqa' fil-karreġġjata tiegħu. F'dan il-mument kien għadu circa mitt metru bogħod mill-post tal-inċident. F'daqqa waħda il-konvenuta li kienet tiela t-telgħa tax-Xemxija, kisret fuq il-lemin tagħha biex tidħol fi Triq il-Fekruna u daħlet għal fuq il-karreġġjata tiegħu b'tali mod li kien hemm *head on collision*. Mad-daqqa spiċċa fuq is-saqaf tal-karozza tal-konvenuta u li kieku ma żammx mal-pilastru tal-vettura tal-konvenuta kien jaqa'. Hu żied illi wara li qala' l-karozza tal-linja f'daqqa waħda sab karozza f'nofs it-triq u hu daħal ġo fiha. Jixhed ukoll illi lill-konvenuta ma nnutahiex li kienet se tikser fil-karreġġjata tiegħu. Ittieħed l-isptar fejn ġie operat;

Illi mill-banda l-oħra il-konvenuta stqarret illi kif waslet qrib Triq il-Fekruna, xegħelet l-*indicator* sabiex iddur fuq il-lemin tagħha, kisret l-*steering*, daret ftit pero` kellha tieqaf peress li kien hemm vetturi oħra neżlin u l-aħħar vettura li kien hemm fir-ringiela tat-traffiku kienet karozza tal-linja. Hi baqgħet wieqfa peress li tal-linja kienet nieżla u hi riedet tħalliha tgħaddi. Tal-linja kienet għadha ma skorrietx il-vettura tagħha meta seħħet il-ħabta. Dak il-ħin, tal-linja kienet madwar tul ta' vettura iżjed'il fuq minnha[1];

Illi Helen German li tiġi omm il-konvenuta u kienet passiġġiera magħha dak inhar tal-inċident tgħid illi lill-attur ratu ġej minn wara x-xarabank;

[1] Fol 169.

Illi mill-process verbal li ġie finalizzat wara li infetħet Inkjesta Maġisterjali konsegwenti għall-inċident de quo ġie konkluż illi l-attur "kellu ċerta għaġġla biex jasal id-dar...u għalkemm ma kellux viżwali tajba biżżejjed ħa r-riskju u qala' karozza tal-linja bi *speed* qawwi ħafna... sab il-karozza BMW qiegħda lesta biex iddur għal Triq il-Fekruna, ma kellux ħin biżżejjed biex iwaqqaf il-mutur u b'hekk ġie ikkawżat l-inċident in kwistjoni";[2]

Illi Skond il-konstatazzjoni tal-A.I.C Richard Aquilina illi kien espert imqabbad mill-Qorti fl-Inkjesta Maġisterjali, indika illi bejn l-*stage* tal-karozza tal-linja u l-post fejn sar l-inċident, id-distanza hi ta' mitt metru u f'dak il-post it-triq għandha forma ta' ħotba (kurva vertikali). B'hekk il-viżwali li kellu x-xufier tal-mutur, kif ukoll dik tal-karozza kienet imnaqqsa sew. Fit-triq ma kien hemm l-ebda *brakemark* u l-art kienet xotta. **It-tifrik li kien hemm fuq il-post jindika illi l-impatt sar fejn kienet wieqfa l-karozza wara li seħħ l-inċident.**[3] Fil-pjanti ppreżentati[4] u anke mir-ritratti fl-atti tal-kawża jidher illi l-vettura tal-konvenuta kienet f'nofs il-karreġġjata tan-naħa opposta u ċjoe` fil-karreġġjata tal-attur. Jekk it-tifrik jindika illi l-ħabta saret fejn kienet wieqfa il-vettura, il-qorti m'għandha l-ebda dubju li fil-ħin tal-inċident il-vettura tal-konvenuta ma kinitx wieqfa iżda kienet tinsab angolata fil-karreġġjata tal-attur. Kieku il-verżjoni tal-konvenuta għandha mis-sewwa, hu ovvju li l-karozza tal-linja li irreferiet għaliha fix-xhieda tagħha ma setgħetx tgħaddi biha. M'hemmx dubju li l-inċident seħħ meta l-vettura tal-konvenuta kienet diġa` fil-karreġġjata tal-attur. Kienet għalhekk ta' ostakolu għall-vetturi għaddejjin minn dik it-triq prinċipali;

---

[2] Fol 43.
[3] Fol 105 -  inkartament intern Fol 30.
[4] Ibid a fol 47.

Illi iktar minn hekk, kien hemm xhud okulari illi fil-ħin tal-impatt kien qiegħed fil-parapett li jidher fir-ritratt numru 8[5] u ra il-ħabta sseħħ. Jgħid li "dak il-ħin karozza BMW kienet wieqfa tistenna l-karozzi neżlin, kienet qed tistenna biex tkun tista' taqsam... fil-ħin li l-mutur kien nieżel, il-BMW qasmet." [6] Minn fejn kien kien ix-xhud, il-mutur ma setax jarah ġej. Dan juri illi fil-ħin tal-impatt ma kien hemm l-ebda karozza tal-linja għaddejja u għalhekk ma setax l-attur prova jaqbiżha u ħabat mal-konvenuta bħal ma allegat l-konvenuta nnifisha. L-impatt sar meta l-konvenuta kienet diġa` kkommettiet ruħha li toħroġ u qabdet it-triq lejn Triq il-Fekruna. Il-konvenuta kellha prinċipalment u senjatament tassikura li t-triq kienet libera b'mod li kienet tippermettilha tibda, tkompli u ttemm il-manuvra li xtaqet tagħmel meta nvadiet il-karreġġjata opposta;

Illi Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u meta tqis il-pożizzjoni taż-żewg vetturi fl-iskizz li ġie ppreżentat mal-proċess verbal għall-qorti m'hijiex verosimili l-verżjoni li rrakkontat il-konvenuta;

Illi hu fatt li l-ħsara li ġarrbu ż-żewġ vetturi ma kinitx żgħira. Il-karozza tal-konvenuta kellha "ħsara estensiva fuq il-partijiet frontali tagħha… kkaġunata b'daqqa soda."[7] Il-*windscreen* tal-vettura tal-konvenuta kien mifqugħ fuq in-naħa tax-xellug. Il-mutur tal-attur ukoll kellu ħsara estensiva fuq quddiem tiegħu. "bl-istess daqqa l-furketta tgħawwġet u daħlet lura u l-*handle bar* tax-xellug tgħawweġ."[8] Apparti minn dan, l-attur weġġa' gravament. Jidher li tassew l-impatt kien kbir, u li kieku veru li l-attur kien għaddej bil-mod u bil-galbu, l-ħsarat u l-konsegwenzi ma kinux ikunu daqstant kbar;

---

[5] A Fol 71.
[6] Fol 147.
[7] Rapport tal-Perit Tekniku Joseph Zammit a fol 64.
[8] Ibid a fol 66.

Illi jidher illi l-attur  lanqas biss induna bil-karozza tal-konvenuta li kienet se tikser u kellha l-*indicator* mixgħul. Naqas milli jinnota ukoll illi t-traffiku 'l fuq kien wieqaf wara l-karozza tal-konvenuta. U għalhekk l-attur mhux talli ma kellux ħin jnaqqas il-veloċita` iżda lanqas biss ra l-karozza tal-konvenuta. Filfatt ma żammx brejk u baqa' dieħel b'dik il-veloċita` kollha fil-karozza tal-konvenuta. Sewqan li kkontribwixxa biex seħħ l-inċident u f'kull każ wassal biex żdiedu l-ħsarat fiż-żewġ vetturi. Il-Qorti ma tistax temmen li kien qed isuq b'veloċita` baxxa għaliex, kieku kien ikollu ħin jara, jieqaf jew almenu jagħfas il-brejk. Speċjalment jekk hemm ħotba u ma hemmx viżwali perfett;

Illi l-obbligu ta' *proper lookout* u ta' sewqan bil-galbu huwa dmir ta' kull xufier u r-regoli ta' preċedenza qegħdin hemm sabiex jagħtu direzzjoni u jirregolaw l-imġieba fit-toroq, pero` ċertament m'humiex intiżi biex iwarrbu l-prudenza fil-ġenb, lanqas ma huma ntiżi sabiex xufier, għax forsi għandu d-dritta, iħoss li fit-triq jista' jsuq kif irid nonkuranti ta' utenti oħra[9];

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma kienx jaf x'qed jiġri u x'hemm madwaru. Jista' jkollok sitwazzjoni fejn għalkemm sewwieq ikun konformi għar-regoli tas-sewqan, pero` ċertu veloċita tista' tinnewtralizza dik il-marġini ta' sigurta` li tant hi mportanti u neċessarja f'kaz li tinqala' emerġenza. Sewqan prudenti jitlob li f'dik il-parti tat-triq wieħed ikun aktar attent.   Jirriżulta li l-attur ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout*;

Illi kif jipprovdi l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili:- "Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat

[9] Micallef vs Mamo P.A – 30.03.2010.

okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni";

Illi fil-kawża **Froom vs Butcher**, **Lord Denning** spjega:- "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[10];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti hi moralment konvinta li l-attur ikkontribwixxa għall-inċident u l-ħsara li sofra. Is-sewqan tal-attur kien tali li meta rinfaċċjat b'emergenza ma kienx kapaċi jieħu azzjoni evażiva għaliex ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu. "Meta jkun hemm ħtija kontributorja huwa dejjem imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjoni li fiha d-danneġġjat ikun ikkontribwixxa għal, jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab; kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ." (Vol. XLVIII.i.59);[11]

Illi għal dik li hi responsabbilta`, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta għandha r-responsabbilta` prinċipali ġaladarba minn dak li ntqal hawn fuq hu evidenti li ħarġet fil-karreġġjata tal-attur bla kont. Kienet il-vettura tagħha li nvadiet il-*flow of traffic* f'ħin meta kien hemm vettura għaddejja mit-triq prinċipali. Min-naħa l-oħra

---

[10] The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths, 1993) pagna 66.
[11] Kif kwotata f'Matthew Hayes et vs France Farrugia – P.A. 28.05.2003.

hemm ħtija kontributorja tal-attur minħabba veloċita` qawwija. Ħtija li l-Qorti qegħda tiffissa f'rata ta' 20%;

**Likwidazzjoni ta' danni**

***Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-attur ressaq numru ta' rċevuti li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, injettazzjonijiet, żjut, kremi u pilloli. Dawn l-irċevuti huma għas-sena 2007. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur isemmi rċevuti għas-sena 2008 fl-ammont ta' €244.68 iżda ma ġab l-ebda prova tagħhom. Il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni biss l-irċevuti li ġew ippreżentati in atti għall-ammont ta' €528.34[12];

Illi l-attur qed jitlob ukoll kumpens għad-danni subiti fuq il-mutur tiegħu. Fil-proċess-verbal ġie konkluż mill-espert mekkaniku Joseph Zammit illi wara l-aċċident, il-mutur kien "għadu fi stat li jitranġa u dan bi spiża li tlaħħaq mal-LM2,800.[13] L-attur jixhed illi biegħ l-mutur għal Lm600 u għalhekk hu sofra dannu ta' LM2,200 ekwivalenti għal €5,124.62. Għalhekk it-total tad-dannu emerġenti hu ta' €5,652.96;

***Lucrum Cessans*:**

[12] A *fol* 198 – 219.
[13] Fol 42

Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kellu mpatt negattiv fuq il-ħajja tal-attur. Qabel l-inċident l-attur kien involut f'diversi attivitajiet sportivi fosthom il-futbol. Kienu jiltaqgħu grupp ta' ħbieb u jilgħabu kull ġimgħa. Kien ukoll jikkompeti regolarment fil-kampjonat tal-Assocjazzjoni Sport Muturi.[14] Wara l-inċident ma baqa' jagħmel xejn minn dan. U reġa' mar lura għax-xogħol f'Ġunju 2008 u ċjoe` disa' xhur wara l-inċident;

Illi l-attur xehed illi meta daħal l-isptar wara l-inċident kellu jiġi operat darbtejn iżda waqt it-tieni operazzjoni kellhom jieqfu għaliex l-*internal bleeding* ma setax jieqaf u dan kien ta' periklu għal-ħajjet l-attur. Għamel ġimgħatejn l-ICU qabel ma ġie trasferit fl-*Orthopaedic Ward* fejn għamel għaxar ġimgħat oħra. Wara li ħareġ mill-isptar kellu joqgħod mistieħ fis-sodda għal għaxar ġimgħat oħra. F'dan iż-żmien kienet tmur ners tal-MMDNA kuljum biex tibdillu l-faxex u biex tagħtih injezzjoni minħabba ċ-ċirkolazzjoni tad-demm. Kien ukoll jinvistah id-dar fiżjoterapista sabiex itih terapija f'idejh u saqajh. It-tabib tal-familja kien ukoll jinvistah sikwit minħabba riskju ta' nfezzjoni. F'Diċembru 2007 reġa' ġie operat sabiex jitneħħewlu l-*external fixators* li kellu ma qaddu;

**Multiplier**

Illi l-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża' bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then*

[14] Dok AM1 a fol 53

*reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[15];

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[16], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[17], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[18], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu 27 sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 30 sena[19];

## Paga

Illi l-attur fi żmien l-inċident (2007) kellu dħul gross ta' LM5,306 ekwivalenti għal €12,360. Il-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rappreżentanti l-paga annwali

---

[15]Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122
[16]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe
[17]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe
[18]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri
[19] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

għandha tiżdied is-somma ta’ €200 fis-sena biex tikkumpensah għall-varjazzjonijiet fil-pagi, għoli tal-ħajja u żiediet fl-inflazzjoni in ġenerali;

€200 x 30 = €6,000;

**Rata ta’ diżabilita’:**

Illi l-attur ippreżenta ċertifikat ta’ Dr Frederick Żammit Maempel[20] fejn irrimarka illi Micallef wara l-inċident kellu ‘*fractured pelvis, dislocated left elbow u undisplaced fracture of the forearm bones*. Kellu ukoll haematuria (demm mal-awrina) u għalhekk kellu jintuża l-*catheter*. Għamlulu *pelvic external fixator* ukoll. Kellu *internal bleeding* u kellu jiġi operat immedjatament. L-attur jgħid illi tort tal-inċident għadu jbati minn għebusija ta’ idu x-xellugija u tuġgħu meta jerfa’ lil ibnu. Iħoss ukoll uġigħ fin-naħa tax-xellug ta’ qaddu meta jqum bilqwieqfa jew meta jolqot ġenbejh ix-xellugija. L-attur jilmenta minn *urethra* sensittiva. Dr Żammit Maempel ikkonkluda li “*he damaged the stout ligaments of the left sacroiliac joint and these are healed by scarring, however this injury predisposes to low backache on standing for long periods or lifting/carrying heavy objects. The sensory deficit over the proximal part of the left tigh is ascribed to damage to the lateral femoral cutaneous nerve at a pin track of the external fixator*”.[21] L-attur għandu ukoll ċikatriċi fuq wara ta’ siequ l-lemija li jidhru mill-bogħod u li jitqiesu bħala tbajja fuq il-persuna tal-attur. Għahekk alloka rata ta’ diżabilita` ta’ 10%;

Illi l-attur ikompli jispjega li wara l-aħħar operazzjoni kien mar għand Mr Stephen Mattocks li huwa uroloġista, għaliex ma kien qed iħoss l-ebda sensazzjoni fil-parti

[20] Dok AM1 a Fol 6.
[21] Fol 8.

ġenitali tiegħu. L-attur diġa` kien taħt il-kura ta' Mr Mattocks meta daħal l-isptar wara l-inċident u dan minħabba li kellu d-demm fl-awrina. Pero` f'dak iż-żmien kellu biss tbenġil fil-bużżieqa tal-awrina u d-demm waqaf waħdu u min-naħa tiegħu l-attur ma kellu bżonn ta' ebda intervent. Kellu bżonn interventi min-naħa tal-*orthopeadic surgeons* biss. F'Marzu 2008 l-attur mar għand Mr Mattocks għax kellu problema ta' *erectile dysfunction*. Fir-rapport tieghu, Mr Mattocks irrileva illi l-attur "*as a result of the injury he is unable to maintain a satisfactory erection unless he takes medication. He has an absent bulbocavernous reflex and poor anal spincter tone, in keeping with a pridental nerve injury which will result in loss or weakening of his erections*."[22] Mr Mattocks jixhed illi ma reġax kellu vista oħra mal-attur. Dwar jekk jerġax ikollu il-funzjonijiet li kellu qabel, peress li għadda ż-żmien jgħid illi dan ifisser li seħħ dannu permanenti u "*no further improvement is expected*"[23]. Hija aktar diffiċli li l-attur ikollu t-tfal, mhux impossibbli iżda diffiċli. Jikkonkludi illi "*loss of erections in a young man has a profound effect on his general well being and may also impair fertility*". Għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita` ta' 25%;

**Weighted Average tar-Rati ta' Diżabilita**

Illi l-leġislatur Malti ma jagħti l-ebda ħjiel dwar kif għandha tiġi mkejjla d-disabilita' u għalhekk din iħalliha f'idejn il-Qrati tagħna li kull darba jkollhom kompitu iebes fir-rigward. "Id-diżabilita` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita` ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita` reali li

[22] Fol 104.
[23] Ibid.

wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija"[24];

Illi għalhekk huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabilità permanenti, iżda għandu jiġi applikat dak magħruf bħala "weighted average". Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tigi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda presunzjoni a priori li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament.[25] Bil-*weighted average* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[26] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[27] Mill-ġurisprudenza tagħna, jidher li l-mod kif jinħadem il-*weighted average* jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern jirriżulta li konsegwenza tal-inċident in kwistjoni l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fiżika ta' 10% u ta' 25% f'partijiet differenti ta' persuntu. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jkun ġust li tiġi adottata bħala *weighted average* rata globali ta' diżabilità permanenti ta' 30% (25 + ½ ta' 10%);

**Lump Sum Payment:**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra: "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan

[24] Spiridione *sive* Dione Zammit v Mario Bonello, PA 30.03.2017.
[25] Degiorgio v. De Crema, P.A., 28.01.2004, u Josef Farrugia v Thomas Tanti, P.A., 07.07.20014
[26] Cassar Pullicino noe et v Xuereb et, P.A., 20.02.2009.
[27] Frendo v Cachia, P.A., 20.04.2009.

kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[28]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ tnax-il sena ilu;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(€12,360 x 30 x 30%) + €6000 = €117,240;

Ghaldaqstant:

Damnum emergens = €5,652.96;
Lucrum cessans = €117,240;
Total tad-danni = €122,892.96;
€122,892.96 x 80% = €98,314.37;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

[28] Trevor Grech v Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

(1) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-inċident tat-traffiku li seħħ nhar it-8 ta' Settembru 2007 ġewwa Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar seħħ tort tal-konvenuta b'dan li hemm ħtija kontributorja tal-attur ta' 20% kif spjegat hawn fuq;

(2) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €98,314.37;

(3) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' €98,314.37 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv;

L-ispejjeż inklużi tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża jinqasmu in kwantu għal 80% a kariku tal-konvenuta u 20% a kariku tal-attur.

ONOR IMHALLEF
GRAZIO MERĊIEĊA